**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jamie Farrugia**

Numru 365/2007

Illum 10 ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Jamie Farrugia,** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, imwieled Pieta' fis-7 ta' Mejju 1983, iben Joseph u Anna neé Borg, residenti Nru. 42, Triq Michael Angelo Cagiano, The Village, St. Julians, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 254583(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Settembru 2004 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr

awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat;

2. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mil-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 2) datat 30 ta' Marzu 2007 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 120A(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 3) datat 30 ta' Marzu 2007 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 104) datat 27 ta' Novembru 2009 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar

il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u Artikolu 120A(2C) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 147 *et seq.*).**

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 167), il-Prosekuzzjoni ezentat lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 167), id-difiza ezentat lill-Qorti kif preseduta fuq l-istess linji li l-Prosekuzzjoni ezentatha fis-seduta msemmija u dana ghajr ghal SM 45 Marisa Bartolo li xehdet fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 167), il-Qorti gabet a konjizzjoni tal-partijiet il-Kontro-Ordni mibghut mill-Avukat Generali (*a fol.* 104).

Semghet, fis-seduti tas-16 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 171) u tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 192 u 193), li l-imputat kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' April 2018, lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq in difesa (*a fol.* 192 u 193).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fil-15 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 194 *et seq.*).

Rat in-Nota' Sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza fil-5 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 202 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** (*a fol.* 23 *et seq.*) fejn qal li fis-16 ta' Settembru 2004 kien beda investigazzjonijiet rigward traffikar ta' *ecstasy* u kien gie ndikat lilu l-imputat. Jghid li kien baghat xi Pulizija jaghmlu osservazzjonijiet fuqu fejn gie nfurmat li fil-25 ta' Settembru 2004 kien instab illi meta l-imputat ra lill-Pulizija, minn gol-vettura kien rema pakkett tas-sigaretti li meta ngabar mill-Pulizija kien fih xi pilloli suspettati li kienu *ecstasy*: bicciet minnhom ghadhom shah u ohrajn imfarrkin. Jghid li kien hemm ukoll bicca raza ta' sustanza kannella suspettata raza *cannabis*. Jghid li fis-27 ta' Settembru 2004 ha stqarrija lill-imputat u jghid x'qal l-imputat f'din l-istqarrija. Waqt id-depozizzjoni tieghu ezebixxa, fost l-ohrajn, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "JF" – *a fol.* 27 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008, xehdet ukoll **SM 45 Marisa Bartolo** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn qalet li fil-25 ta' Settembru 2004 ghall-habta tad-9.30 kienu telghin quddiem ir-residenza fejn joqghod l-imputat peress li kellhom struzzjonijiet li x'hin johrog mid-dar u jitbieghed ftit, iwaqqfuh peress li seta' kien qed igorr xi sustanza suspettata droga. Tghid li l-imputat hareg ghal xi 10.15, hallewh isuq ftit, gew bieba ma' bieba mieghu, u hekk kif identifikaw ruhhom bhala Pulizija, l-imputat harab minn fuq il-post. Tghid: *"Hu u jahrab rajnieh jarmi pakkett tas-sigaretti Rothmans ahmar. Waqqafnieh u tlajna ghal dan il-pakkett biss ma kellniex cans nigbruh mill-ewwel qabel ma lahqu ghaddew fuqu xi karozzi"* (*a fol.* 29). Tghid li x'hin fethuh kull ma setghu jaraw kien trab u ma setghux jghidu jekk kienx hemm xi tip ta' droga jew ohra. Tghid li l-imputat gie muri li huma kienu gabru l-pakkett tant li gie *tagged* fil-prezenza tieghu. Tghid li l-affarijiet misjuba gew mghoddija lill-iSpettur sabiex ikun jista' jkompli bl-investigazzjonijiet tieghu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009, xehed **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn qal li kien gie nominat fl-10 ta' Dicembru 2008. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "GS" (*a fol.* 41 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009, xehed ukoll is-**Sur Martin Bajada** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn qal li kien gie nominat sabiex johrog il-kontenut ta' *sim card*. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 56 *et seq.*).

Is-**Sur Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2009 (*a fol.* 101), pero' t-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu ma gietx registrata. F'din is-seduta, is-Sur Bajada pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MBA" (*a fol.* 102).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn qal li fil-25 ta' Settembru 2004 fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Ciappara kien mar flimkien ma' WPS 45 u PC 1213 biex jaghmlu tfittxija fuq l-imputat. Jghid li marru fejn ir-residenza tal-imputat f'San Giljan u meta dan hareg u huma ppruvaw iwaqqfuh, l-imputat zgiccalhom u harab. Jghid li l-imputat gie mwaqqaf San Giljan taht il-*bridge* ta' Triq Regjonali. Jghid li minn tfittxija li saret fuq l-imputat, PC 1213 eleva bicca kannella suspettata raza tal-*cannabis*. Jghid li saqu lura bl-imputat minn fejn kien ghadda bil-vettura u nnutaw li kien hemm pakkett sigaretti u jghid: *"li kien jidher ghadu frisk mormi u kien fih xi pilloli"* (*a fol.* 67). Mistoqsi jghid fejn instab dan il-pakkett, wiegeb: *"Fit-triq izjed 'l fuq inti u sejjer lejn Regional Road. Ghaddiet xi karozza minn fuqu u kien hemm hafna mill-pilloli mghaffgin"* (*a fol.* 68). Jghid li l-imputat gie arrestat u mghoddi lill-iSpettur Norbert Ciappara.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk rawx lill-imputat jarmi dan il-pakkett, wiegeb: *"Le ma rajniehx"* (*a fol.* 68). Jghid li l-pakkett kien Rothmans ahmar u kien mghaffeg. Jghid li ma raw l-ebda vettura tghaddi minn fuq dan il-pakkett. Mistoqsi jghid kif gie konkluz li l-pakkett kien mormi frisk, wiegeb: *"Ghax kienet ix-xita dakinhar u kien jidher li qisu mormi frisk mhux bhal meta jkun mahmug il-pakkett"* (*a fol.*

69). Jghid li hu u z-zewg Pulizija l-ohra kienu go vettura wahda. Jghid li kienu pajzana u anke l-vettura kienet wahda pajzana.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-8 ta' Frar 2018 (*a fol.* 175 *et seq.*), **RPC 3024 Trevor Cassar Mallia** gie muri pjanta Dok. "MMC 1" (*a fol.* 174) fejn ra fejn kien joqghod l-imputat u jaqbel li n-numru "1" fuq il-pjanta huwa fejn kienu stazzjonati jistennew lill-imputat. Jaqbel li n-numru "2" fuq il-pjanta huwa l-post fejn kienet il-vettura li biha telaq minn fuq il-post l-imputat. Mistoqsi jghid jekk in-numru "3" fuq il-pjanta juriex fejn allegatament instab il-pakkett in kwistjoni, wiegeb li ma jiftakarx u jghid ukoll: *"Ma nistax niftakar fejn, minn fejn elevajtu l-pakkett"* (*a fol.* 176). Mistoqsi ghala ma jiftakarx, wiegeb: *"Ghax ghandi miktub ippruvajt niftakar imma ma nistax niftakar fejn elevajtu ezatt"* (*a fol.* 176). Jghid li n-numru "4" fuq il-pjanta huwa fejn l-imputat gie mwaqqaf. Jikkonferma li bhala vizwal bejn in-numri "1", "2" u "3" fuq il-pjanta m'hemmx linja dritta. Jaqbel li jekk persuna tkun pozizzjonata fejn hemm numri "2" u "3" ma tistax tara fejn hemm numru "4" fuq il-pjanta. Jghid: *"ghax hemm trejqa, iddur hekk, imbaghad tinzel hekk"* (*a fol.* 177). Mistoqsi jghid jekk il-pakket instabx huma u telghin it-telgha l-wieqfa ta' San Giljan, wiegeb: *"Jista' jkun imma ma niftakarx. Ghaddew erbatax il-sena"* (*a fol.* 177). Ikkonferma li meta l-imputat kien fejn hemm numru "2" fuq il-pjanta u huma marru fuqu, l-imputat dahal fil-vettura u harab. Jiftakar li kienet ix-xita peress li l-vettura li *"kellna ahna bdiet titlaq minn kullimkien"* (*a fol.* 177). Jghid li l-imputat nqabad fejn hemm numru "4" fuq il-pjanta u jispecifika fejn illum hemm *supermarket*, ftit il-fuq mill-knisja ta' San Giljan.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009, xehed ukoll **PC 1213 Carlos Axisa** (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn qal li fil-25 ta' Settembru 2004 fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Ciappara mar flimkien ma' SM 45 u PC 10 biex jaghmlu tfittxija lill-imputat. Jghid li stennew lill-imputat johrog mid-dar fis-Swieqi u li hekk kif l-imputat hareg mid-dar u dahal fil-vettura, huma marru mieghu biex iwaqqfuh u l-imputat saq u harab. Jghid li saqu wara l-imputat. Jghid: *"Niftakar kienet ix-xita wkoll u kif gejna taht il-bridge ta' San Giljan, waqaf fit-traffic, inzilna fuqu u zammejnieh"* (*a fol.* 71). Jghid li minn tfittxija li ghamel fuq l-imputat, giet elevata bicca raza suspettata *cannabis*. Jghid li x'hin

marru lura biex jaghmlu tfittxija d-dar, PC 10 rikeb mal-imputat fil-vettura u ra lil PC 10 niezel mill-vettura u gabar pakkett tas-sigaretti Rothmans ahmar mill-art. Mistoqsi jghid kemm kienet vicin id-dar din il-gabra, wiegeb: *"Vicin wisq. Kienet forsi kantuniera u nofs jew zewg kantunieri"* (*a fol.* 72). Jixhed li l-pakkett Rothmans ahmar kien jidher li kien ghadu qisu frisk u li go fih kien hemm pilloli suspettati *ecstasy*. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Ciappara u li l-imputat gie mehud id-*Depot* ghal aktar investigazzjonijiet.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 180 *et seq.*), PC 1213 Carlos Axisa gie muri pjanta Dok. "MMC 1" (*a fol.* 174), fejn ikkonferma li numru "1" fuq il-pjanta huwa l-punt fejn kienu qed jistennew lill-imputat u jikkonferma li hija l-fetha fejn jghix l-imputat. Ikkonferma wkoll li filwaqt li numru "2" fuq il-pjanta huwa l-punt fejn l-imputat kellu l-vettura pparkjata li biha harab minn fuq il-post, numru "3" huwa l-punt fejn instab l-allegat pakkett. Ikkonferma wkoll li punt numru "4" huwa l-punt fejn lehqu lill-imputat. Ikkonferma li huma resqu lejn l-imputat meta kien fil-vettura. Ma jiftakarx jekk hu (PC 1213) marx bil-mixi jew le hdejn l-imputat qabel l-imputat harab. Ma jiftakarx jekk hu (PC 1213) baqghax gol-vettura pero' jikkonferma li l-kollega tieghu Marisa Bartolo marret fuqu bil-mixi u li l-imputat qabad u harab bil-vettura u nizel l-isfel. Jghid li huma saqu warajh u li PC 10 kien qed isuq. Ikkonferma li lahqu lill-imputat fejn hemm numru "4" fuq il-pjanta peress li l-imputat kien wehel fit-traffiku ftit qabel il-knisja peress li kienu bejn l-10.30 u l-11.00pm. Jghid l-imputat kien rema' l-pakkett qabel. Jixhed: *"Imbaghad morna lura sintendi fil-prezenza tieghu fejn kien rajnieh jarmi l-pakkett u sibna l-pakkett fejn rajnih jarmih"* (*a fol.* 183). Ghad-domanda jaqbilx li huma ma rawx lill-imputat jarmi l-pakkett, wiegeb, ossia staqsa: *"Kieku kif morna fuq il-post?"* (*a fol.* 183). Meta gie suggeriet lilu li huma ma rawx lill-imputat jarmi l-pakkett tant li kien xehed hekk precedentement, wiegeb: *"Le. Rajnih jarmih. Kieku mhux ha mmorru"* (*a fol.* 183). Jghid li huma kienu fil-vettura wara l-imputat. Jghid li ma jiftakarx x'kien xehed precedentement. Ma jiftakarx jekk kienx hemm vizwal bejn fejn hemm numru "1" u numru "3" fuq il-pjanta Dok. "MMC 1" (*a fol.* 174). Ghad-domanda: *"Mhux dik id-domanda tieghi, wiegeb id-domanda tieghi. Jien qed nistaqsik domanda, minn punt mumru 1 jew*

*addirittura punt numru 2, hemm linja dritta ta' vizwal? Iva jew Le?"* (*a fol.* 185), wiegeb: *"Le m'hawnx hawn"* (*a fol.* 185). Jghid li malli rikbet l-kollega Marisa, PC 10 saq mal-ewwel wara l-imputat u baqghu sejrin mal-ewwel. Meta rega' gie mistoqsi jghid jekk hu kienx konvint li ra b'ghajnejh lill-imputat jarmi l-pakkett, wiegeb: *"Zomm, jekk rajtu jarmi jien m'iniex konvint, ma niftakarx pero' nahseb li rajnih jarmi xi hadd minna ghax kieku ma konniex ha nmorru fuq il-post hux"* (*a fol.* 187).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi

kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi minhabba li kienu qeghdin isiru xi investigazzjonijiet mill-Pulizija rigward traffikar ta' *ecstasy*, numru ta' Pulizija gew mibghuta jaghmlu osservazzjoni fuq l-imputat. Jirrizulta li meta l-imputat gie nnutat johrog mir-residenza tieghu, wara li thalla jitbieghed ftit mir-residenza tieghu, minkejja li gie mitlub jieqaf, huwa ma waqafx bil-konsegwenza li l-Pulizija kellhom isegwuh sakemm eventwalment qabduh. L-imputat gie akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet relatati ma' droga fejn gie akkuzat bi traffikar ta' *ecstasy*, b'pussess aggravat ta' *ecstasy* u b'pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*. Filwaqt li, da parte taghha, il-Prosekuzzjoni tishaq li pakkett tas-sigaretti partikolari li gie misjub fit-triq u li fih kien hemm is-sustanza tal-MDMA gie mormi mill-imputat, id-difiza tichad li dan kien intrema' mill-imputat. Fir-rigward tal-pussess semplici tal-*cannabis*, id-difiza stess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 202 *et seq.*) tirrikonoxxi li nstab *"ammont zghir ta' raza tal-cannabis"* li skond l-istess difiza *"bil-biza' li kellu din ir-raza tal-cannabis fuqu l-imputat beza' u harab minn fuq il-post sakemm gie mwaqqaf aktar 'l isfel hdejn il-knisja ta' San Giljan"* (*a fol.* 209).

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-

imputat, il-Qorti tinnota li in segwitu ta' Rikors ipprezentat mid-difiza fis-16 ta' April 2018 (*a fol.* 189), fis-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 192) il-Qorti ddikjarat:

- li kienet ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "JF" – *a fol.* 27 *et seq.*) u kif ukoll dak li nghad fid-depozizzjonijiet tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri rigward twegibiet moghtija mill-imputat fuq domandi tal-istess Pulizija;

- li kienet qed tichad it-talba tad-difiza sabiex tigi sfilzata d-depozizzjoni tax-xhud SM 45 Marisa Bartolo, liema depozizzjoni giet moghtija fl-10 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 29 *et seq.*), u dana ghar-ragunijiet imsemmija fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2018 (*a fol.* 192 u 193), liema xhud giet iddikjarata li giet nieqsa fil-mori tal-proceduri odjerni (*a fol.* 167).

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Traffikar ta' *Ecstasy*)</u>:**
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi traffikar ta' *ecstasy*. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Marvin Cachia**, fejn l-imsemmija Qorti rriteniet is-segwenti dwar traffikar:

> "Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-*cannabis*) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".

Illi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ma tantx ghandha konsiderazzjonijiet x'taghmel ghajr ghall-fatt li in segwitu tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Qorti li l-istqarrija (Dok. "JF" – *a fol.* 27 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat kienet ser tigi skartata ma jezisti xejn aktar fl-atti processwali rigward l-imputazzjoni in ezami.

Ovvjament, diga' nghad li anke dak li nghad fid-depozizzjonijiet tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri rigward twegibiet moghtija mill-imputat fuq domandi tal-istess Pulizija kien ser jigi skartat. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tissottometti s-segwenti fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni:

*"Illi l-ewwel imputazzjoni giet moghtija lill-imputat fuq dak li l-imputat kien iddikjara mal-Ufficjal Investigattiv fl-istqarrija u kif ukoll id-diskors li kien qal l-imputat lill-Pulizija li ezegwew l-arrest tieghu.*

*Illi tenut kont tal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti*[1] *fejn giet skartata l-istqarija u dak li ntqal mill-istess imputat fil-mument li gie arrestat ma fadal l-ebda prova ohra fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni"* (*a fol.* 198).

Illi ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghha u konsegwentement ser jigi liberat minnha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Pussess Aggravat ta' *Ecstasy*):**
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' *ecstasy*. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabru mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-**

[1] *A fol.* 192 tal-process.

**Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fir-rapport tieghu Dok. "GS" (*a fol.* 41 *et seq.*), specifikament f'konkluzjoni mmarkata bl-ittra (b), ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda:

> "(b) Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli u frak li hemm fid-dokument 396_08_01 instabet is-sustanza <u>3,4-*Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA)</u>. Il-valur tal-pilloli huwa ta' €297. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta".

Illi l-Qorti trid issa tghaddi biex tanalizza jekk il-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni li fih kien hemm dak li jaghmel riferenza ghalih x-Xjenzat Godwin Sammut hawn fuq kienx effettivament mormi mill-imputat.

Illi diga nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza li l-Prosekuzzjoni tishaq li l-pakkett tas-sigaretti li fih kien hemm is-sustanza MDMA, u li ngabar mill-Pulizija mit-triq, gie mormi mill-imputat. L-unici xhieda li setghu jinnutaw lill-imputat jarmi dan il-pakkett kienu SM 45 Marisa Bartolo, PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 1213 Carlos Axisa.

Illi fir-rigward ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 1213 Carlos Axisa, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Meta PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed in ezami fit-3 ta' Marzu 2009 huwa qal li meta saqu lura bl-imputat minn fejn kien ghadda bil-vettura, innutaw li kien hemm pakkett sigaretti u jghid: *"li kien jidher ghadu frisk mormi u kien fih xi pilloli"* (*a fol.* 67). In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk rawx lill-imputat jarmi dan il-pakkett, wiegeb: *"Le ma rajniehx"* (*a fol.* 68).

- Meta PC 1213 Carlos Axisa xehed in ezami fit-3 ta' Marzu 2009 qal li wara li l-imputat gie maqbud, hekk kif kienu ser imorru lura biex jaghmlu tfittxija d-dar, setgha jinnota lil PC 10 jinzel mill-vettura u jigbor il-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni. Kien biss meta PC 1213 Carlos Axisa xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 li huwa qal: *"Imbaghad morna lura sintendi fil-prezenza tieghu fejn kien rajnieh jarmi l-pakkett u sibna l-pakkett fejn rajnih jarmih"* (*a fol.* 183). Minkejja li in kontro-ezami ghal darba, darbtejn qal li raw lill-imputat jarmi l-pakkett, meta rega' gie mistoqsi jghid jekk kienx konvint li ra b'ghajnejh lill-imputat jarmi l-pakkett, wiegeb: *"Zomm, jekk rajtu jarmi jien m'iniex konvint, ma niftakarx pero' nahseb li rajnih jarmi xi hadd minna ghax kieku ma konniex ha nmorru fuq il-post hux"* (*a fol.* 187).

Illi da parte taghha, SM 45 Marisa Bartolo tixhed li l-imputat gie nnutat jarmi l-pakkett tas-sigarett in kwistjoni. Hija tixhed dan u fil-plural tghid: *"Hu u jahrab rajnieh jarmi pakkett tas-sigaretti Rothmans ahmar. Waqqafnieh u tlajna ghal dan il-pakkett biss ma kellniex cans nigbruh mill-ewwel qabel ma lahqu ghaddew fuqu xi karozzi"* (*a fol.* 29). Il-Qorti tinnota li hija biss xehdet fuq dawn il-linji.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz: […]".

Illi jirrizulta bl-aktar mod li <u>ma jirrizultax</u> li PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 1213 Carlos Axisa raw lill-imputat jarmi l-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni. Tenut kont ta' dan, il-Qorti trid issa tara jekk hux ser tibbaza ruhha fuq dak li jirrizulta mid-depozizzjoni ta' SM 45 Marisa Bartolo fir-rigward tal-pakkett in kwistjoni.

Illi l-Qorti tistaqsi ghala SM 45 Marisa Bartolo xehdet fil-plural meta qalet li *"raw"* lill-imputat jarmi l-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni. Ix-xhud ma xehditx quddiem din il-Qorti kif preseduta u b'hekk il-Qorti kif preseduta ma setghetx tistaqsieha tkun aktar cara jekk hija personalment ratx lill-imputat jarmi l-pakkett. Anke PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 1213 Carlos Axisa xehdu fil-plural u minkejja li

PC 1213 Carlos Axisa ghal darba, darbtejn qal li *"raw"* lill-imputat jarmi l-pakkett, wara jghid li ma jiftakarx jekk hu personalment rax lill-imputat jarmi l-pakkett!

Illi jirrizulta li l-pakkett kien mghaffeg u l-kontenut tieghu kien mfarrak. Il-Prosekuzzjoni tishaq li gie mghaffeg minn xi vettura li ghaddiet minn fuqu. Dan il-fatt *per se* ma tantx jghin lill-Prosekuzzjoni fit-tezi taghha li l-pakkett gie mormi mill-imputat. Apparti minn dan, il-Qorti tistaqsi jekk ghandhiex tasal ghall-konkluzjoni li l-pakkett in kwistjoni giex effettivament mormi mill-imputat a bazi ta' dak li xehdet SM 45 Marisa Bartolo. Il-Qorti ser tkun aktar rigoruza fl-apprezzament tad-dikjarazzjoni maghmula mix-xhud imsemmija u dana tenut kont ta' dak li hija xehdet mehud in konsiderazzjoni mal-fatt li l-kontro-ezami taghha ma setghax isir f'seduta ohra *stante* li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li hija giet nieqsa tul is-smiegh tal-proceduri odjerni u mehud in konsiderazzjoni ta' dak li xehdu z-zewg ufficjali tal-Pulizija l-ohra li kienu maghha. Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti m'hijiex disposta li tikkunsidra bhala ben fatt dak li qalet SM 45 Marisa Bartolo. Dan qieghed jinghad peress li l-Qorti m'hijiex konvinta li SM 45 Marisa Bartolo effettivament rat b'ghajnejha lill-imputat jarmi l-pakkett in kwistjoni. Il-Qorti jidhlilha d-dubju jekk SM 45 Marisa Bartolo verament ratx lill-imputat jarmi l-pakkett tenut kont dak li ghadu kemm inghad u peress li hija tixhed fil-plural, meta jirrizulta li l-ufficjali tal-Pulizija li kienu maghha ma rawx lill-imputat jarmi l-pakkett in kwistjoni. Apparti minn dan, il-Qorti tistaqsi jekk setghax kien il-kaz li SM 45 Marisa Bartolo xehdet li *"raw"* lill-imputat jarmi l-pakkett in segwitu ta' dak li huwa setgha qalilhom jew li setgha qal fl-istqarrija rilaxxata minnu, li l-Qorti ddecidiet li tiskarta in segwitu tal-gurisprudenza ricenti f'dan ir-rigward.

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- Hemm certu distanza konsiderevoli bejn ir-residenza minn fejn hareg l-imputat sa fejn eventwalment inqabad. Il-vizwal m'huwiex wiehed dritt *stante* li mir-residenza minn fejn hareg l-imputat safejn gie mwaqqaf hemm liwjiet li jostakolaw il-

vizwal. Il-Qorti ghaldaqstant tistaqsi: kif seta' l-imputat jigi nnutat jarmi l-pakkett in kwistjoni? Di fatti, da parte tieghu, PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed li saqu lura bl-imputat minn fejn kien ghadda bil-vettura u nnutaw li kien hemm pakkett sigaretti u jghid: *"li kien jidher ghadu frisk mormi u kien fih xi pilloli"* (*a fol.* 67). Dan ifisser li l-imputat ma giex innutat jarmi l-pakkett in kwistjoni!

- Ma jirrizulta xejn mir-rapport tas-Sur Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 56 *et seq.*) li b'xi mod jew iehor jista' jwassal lil din il-Qorti tistabbilixxi jekk hux minnu dak li tishaq il-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputat.

- Ma saru l-ebda ezamijiet ta' DNA jew *fingerprints* fuq il-pakkett in kwistjoni li setghu b'xi mod jew iehor jippruvaw konnessjoni bejn il-pakkett *per se* u l-imputat. Jista' jkun li dan ma sarx peress li fiz-zmien li gew intavolati l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat il-ligi kienet ghadha ma tipprovdiex li stqarrija tigi rilaxxata <u>wara</u> li persuna tinghata d-dritt ghal parir legali u peress li fl-assenza ta' dan, il-gurisprudenza f'dan ir-rigward kienet ghadha ma tezistiex.

- Dak li jipprovdi Artikolu 646(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex segwit mill-Prosekuzzjoni. Dan is-sub-artikolu jistabbilixxi s-segwenti: *"Meta jingħad li xi xhud miet, siefer jew ma jkunx jista' jinstab, il-Qorti tista' tqis l-allegazzjoni ppruvata bir-rapport* ***maħluf*** *tal-marixxall jew uffiċjal esekutur ieħor illi bih iwettaq li huwa sar jaf zgur li dak ix-xhud hu mejjet jew imsiefer, jew li huwa għamel it-tfittxija li tinħtieġ u ma rnexxilux isibu"* [emfazi mizjuda].

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, ma tirrizulta l-ebda konnessjoni bejn il-pakkett in kwistjoni u l-imputat. Ma tirrizulta l-ebda prova li torbot il-pakkett mal-imputat. Ghaldaqstant isegwi li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Semplici ta' *Cannabis*)</u>:**
Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess semplici ta' *cannabis*.

Illi fid-depozizzjoni tieghu PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed li minn tfittxija li saret fuq l-imputat, PC 1213 eleva bicca kannella suspettata raza tal-*cannabis*. Da parte tieghu, PC 1213 Carlos Axisa ikkonferma li minn tfittxija li ghamel fuq l-imputat giet elevata bicca raza suspettata *cannabis*.

Illi fir-rapport tieghu Dok. "GS" (*a fol.* 41 *et seq.*), specifikament f'konkluzjoni mmarkata bl-ittra (a), ix-Xjenzat Godwin Sammut jikkonkludi s-segwenti:

> "(a) Illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 396_08_01, nstabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u> sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta' <u>2.78 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka <u>10%</u>. Il-valur huwa ta' €17.79. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta".

Illi jsegwi li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-unika imputazzjoni li tirrizulta li giet sodisfacentement pruvata hija biss it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha biss.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni li giet pruvata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali (*a fol.* 5) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa);
- in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata;
- it-tul ta' zmien li hadet il-kawza odjerna sabiex tigi deciza tant li din il-kawza giet intavolata fis-sena 2007; u
- il-fatt li ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana *stante* li l-imputat ser jinstab hati biss ta' pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*.

Mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti hija obbligata li tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' penali skond kif jipprovdi Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom,

wara li rat Artikoli 8(a) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 4(1) u 4(2) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jamie Farrugia hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-penali ta' disghin Euro (€90.00). *Ai termini* tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Farrugia sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' tliet mija u disgha u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€399.45).[2]

[2] Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 46 *tergo*) (€200.95); Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 60 *tergo*) (€198.50).

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**